UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/04/2024]
6 ta' Mejju 2024

ORDINAZZJONI PRESBITERALI

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2024, fis-6.30pm, fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex, il-Belt Victoria, l-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, se jmexxi **l-Ordinazzjoni Presbiterali** ta' FRANKLIN MICALLEF (mill-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem).

Bi tħejjija għall-Ordinazzjoni, se tinżamm **Velja ta' Talb** nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju, fit-8.00pm, fl-Anfiteatru ta' Villa Rundle, il-Belt Victoria. Wara, mill-10.00pm sas-7.00am tal-għada, ikompli **Lejl ta' Adorazzjoni** b'talb għall-ordinand fil-Kappella tas-Seminarju Maġġuri, il-Belt Victoria.

Kemm l-Ordinazzjoni u kemm il-Velja se jkunu mxandra fuq il-mezzi soċjali tad-Djoċesi ta' Għawdex: www.youtube.com/dioceseofgozo u www.facebook.com/gozodiocese. L-Ordinazzjoni se tixxandar ukoll fuq UTV, Xejk TV u Radju Marija 102.3FM.